MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2005

Talba Numru. 1703/2004

**Joseph Mercieca u b'Nota tal-24 t'Ottubru, 2005 Colin u Malcolm Mercieca jassumu l-atti tal-kawza minflok Joseph Mercieca**

**Vs**

**John Bajjada**

**It-Tribunal**

Ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' mija u hamsa u tletin lira Maltin (Lm135) rapprezentanti danni kkagunati f'incident tat-traffiku li sehh nhar it-12 ta' Settembru, 2003 gewwa l-Imriehel bejn iz-zewg vetturi bin-numri EAL 318 u EAQ 996.

Ra illi l-konvenut John Bajjada, debitament notifikat, ma kkontestax it-talba attrici.

Ra li l-attur Joseph Mercieca miet fil-mori tal-kawza u li Colin u Malcolm Mercieca jassumu l-atti tal-kawza minflok Joseph Mercieca.

Sema' lil Malcolm Mercieca jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx.

Ghaldaqstant it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' mija u hamsa u tletin lira Maltin (Lm135) bl-imghax legali u bl-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------